**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 30 ta' Settembru, 2016

Talba Numru: 70/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 3

**Hayden Vella (K.I Nru 435478M)**
**Hayden Auto Mechanic,**
**Triq il-Fortizza,**
**Mosta**

**Vs**

**Martin Zerafa**
**26, Vjal l-Indipendenza,**
**Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-03 ta' Marzu, 2016 li permezz tieghu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf u mitt ewro

(€1,100) bilanc ta' somma aktar  liema ammont huwa in konnessjoni ma' xoghol ta' overhauling fuq xi vetturi.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut  gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba tal-attur u  konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex  iħallas lill-attur is-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100).

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**